Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Settembru 2016 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatata ma' Il-Każ M.7801 — Wabtec/Faiveley Transport

Relatur: L-Estonja

(2018/C 113/05)

Konċentrazzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Swieq rilevanti

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tal-prodott rilevanti u tas-swieq ġeografiċi fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

4. B'mod partikolari, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li:

   4.1. s-sistemi ta' brejkijiet ta' frizzjoni pnewmatiċi għall-vetturi ferrovjarji jikkostitwixxu suq tal-prodott separat, distint minn tipi oħrajn ta' brejkijiet u minn brejkijiet idrawliċi;

   4.2. jeżistu swieq distinti, minn naħa waħda għal sistemi kompleti tal-brejkijiet tal-frizzjoni pnewmatiċi għall-vetturi ferrovjarji u, min-naħa l-oħra, għas-sottosistemi tagħhom (brejkijiet mekkaniċi, kontrolli tal-ibbrejkjar u unitajiet li jfornu l-arja);

   4.3. fir-rigward ta' materjali tal-frizzjoni tal-vetturi ferrovjarji, jeżistu swieq distinti għal (i) pads organiċi, (ii) pads sinterizzati, (iii) blocks/shoes organiċi u (iv) blocks/shoes sinterizzati;

   4.4. diski tal-brejkijiet jikkostitwixxu suq distint, separat minn materjali għall-frizzjoni;

   4.5. pantografi u strippi tal-kuntatt tal-pantografi jikkostitwixxu swieq distinti, separati minn xulxin; kif ukoll

   4.6. l-ambitu ġeografiku rilevanti tas-swieq kollha għal tagħmir ta' vetturi ferrovjarji huwa mifrux madwar iż-ŻEE, iżda li l-ambitu ġeografiku eżatt tas-swieq għas-servizzi tal-meters tal-enerġija u r-reġistraturi tal-avvenimenti jista' jitħalla miftuħ.

Il-valutazzjoni kompetittiva

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li huwa adegwat biex jiġu evalwati s-swieq għat-tagħmir tal-vetturi ferrovjarji fil-livell ta' OEM, ħlief għal komponenti li għandhom bżonn ta' sostituzzjoni regolari (pereż. materjali tal-frizzjoni u diski tal-brejkijiet) li għalihom hija ġustifikata valutazzjoni separata fil-livell ta' IAM.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta, kif oriġinarjament notifikata mill-Parti Notifikanti, aktarx li timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew parti sostanzjali minnu b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fir-rigward ta':

   6.1. pads tal-brejkijiet sinterizzati fl-IAM fiż-ŻEE; kif ukoll

   6.2. blocks/shoes tal-brejkijiet sinterizzati fl-IAM fiż-ŻEE.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta mhix se tirriżulta f'impediment sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva fir-rigward ta' xi suq rilevanti ieħor ikkonċernati mit-tranżazzjoni proposta.

Impenji

8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji huma suffiċjenti biex ineħħu t-tħassib dwar il-kompetizzjoni mqajma mit-tranżazzjoni proposta fir-rigward ta':

   8.1. pads tal-brejkijiet sinterizzati fl-IAM fiż-ŻEE; kif ukoll

   8.2. blocks/shoes tal-brejkijiet sinterizzati fl-IAM fiż-ŻEE.

Kompatibbiltà mas-suq intern u l-Ftehim dwar iż-ŻEE

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġetta għal konformità sħiħa mal-impenji, it-tranżazzjoni proposta x'aktarx ma timpedixxix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta jinħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE skont l-Artikoli 8(2) tar-Regolament tal-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.